# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 12 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 1953/00 AJD*

Dingli International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra

vs

Lukanda Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Dicembru, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin liri Maltin u disghin centezmu (Lm232.90), rapprezentanti in kwantu ghal zewg licenzi hawn indikati: Licenzja Numru 8415 (Dok. A) ghall-ammont ta' bilanc dovut ta' sitta u tletin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm36.24) Royalty u hames liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm5.44) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud flimkien mal-fattura datata 18 ta' Gunju, 1991, (Dok. A1), Licenzja Numru 9404 (Dok. B) ghall-ammont ta' mija u sitta u sittin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm166.28) Royalty u erbgha u ghoxrin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm24.94) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment EuroClub Hotel, ghal-perijodu mis-6 ta' Frar, 2000, sal-5 ta' Frar, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' April, 2000, u bl-imghaxijiet dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz kontra l-konvenut.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin liri Maltin u disghin centezmu (Lm232.90) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR